# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 14 ta' Frar 2023**

**Appell numru 511/2017**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Robert ATTILA MAJLAT**
**Robert ATTILANE MAJLAT**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Jannar 2021 kontra Robert ATTILA MAJLAT detentur tal-karta tal-identita' Ungeriża bin-numru 199275LA u Robert ATTILANE MAJLAT nee' Csorba Inez Aniko detentriċi tal-karta tal-identita' Ungeriża bin-numru 257057LA li ġew mixlija talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

   (i) Bi vjolenza jew theddid inkluż is-serq ta' persuna, b'qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni u billi taw jew irċivew ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjenu l-kunsens tal-pesuni li kellhom

l-kontroll fuq persuna oħra, ittraffikaw persuni ta' eta' u ċjoe' Csoka Annamaria u Nikolett Csorba bil-għan li dawn il-persuni jiġu sfruttati fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi u kif ukoll għall-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 248A, 248B u 248D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) U aktar talli fl-14 ta' Novembru 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data biex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddieħor, ġiegħlu bil-vjolenza jew ħajru b'qerq persuni ta' eta' u ċjoe' lil Csoka Annamaria u Nikolett Csorba, għall-prostituzzjoni liema delitt sar bħala drawwa u bi ħsieb ta' qliegħ;

(iii) U aktar talli xjentement għexu għal kollox u/jew f'parti minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' xi persuni oħra;

(iv) U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi żammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

(v) U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali;

(vi) U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lil Csoka Annamaria u Nikolett Csorba l-biża' li ser tintuża l-vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(vii) U aktar talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi lil Robert Attila Majlat waħdu b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi akkużat ukoll talli bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Csoka Annmaria;

(viii) U akkużati wkoll talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer irrendew ruħom reċedivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija fil-konfront ta' Robert ATTILA MAJLAT, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu huwa akkużat bir-reat fl-Artikolu 248A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-ħames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni, tas-seba' imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni

miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minn kull ħtija u piena dwarhom, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 205(a) u (b), 248B u 248E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 7(1) u 8(1) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, sabet lill-istess imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu biss għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tat-tieni imputazzjoni limitatament fil-konfront ta' Nikolett Csorba u mhux Annamaria Csoka, tat-tielet imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' **disa' snin priġunerija** effettiva mil-liema żmien għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom instab ħati permezz ta' din is-sentenza.

3. Ukoll, fil-konfront tal-imputata Robert ATTILANE MAJLAT, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-istess imputata mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu hija akkużata bir-reat fl-Artikolu 248A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-ħames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u lliberata minnhom, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 205(a) u (b), 248B u 248E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll rat l-Artikoli 7(1) u 8(1) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, dejjem kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, sabet lill-istess imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu biss għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tat-tieni imputazzjoni limitatament fil-konfront ta' Nikolett Csorba u mhux ta' Annamaria Csoka, tat-tielet imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni kif dedotti kontra tagħha u kkundannatha għall-piena ta' **disa' snin priġunerija** effettiva mil-liema żmien għandu jitnaqqas iż-żmien li hija għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom instabet ħatja permezz ta' din is-sentenza.

4. Ai termini tal-Artikoli 23 u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-apparat elettroniku esebit fl-atti ta' din il-kawża bħala Dok. RS 1 u RS15. Ordnat ukoll li ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Robert ATTILA MAJLAT u Robert ATTILANE MAJLAT iħalsu flimkien in solidum l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada ossia s-somma ta' Ewro 1,397.42 liema spejjeż għandhom jitħalsu fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza. In oltre, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Annamaria Csoka u Nikolett Csorba u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur l-istess Annamaria Csoka u Nikolett Csorba fil-konfront tal-ħatja Robert ATTILA

MAJLAT u Robert ATTILANE MAJLAT permezz ta' liema l-ħatja ġew ipprojbiti milli direttament jew indirettament anke tramite terzi javviċinaw jew b'xi mod ieħor isegwu l-movimenti tal-istess Csoka u Csorba kif ukoll milli jikkomunikaw magħhom bi kwalsiasi mezz. Tali Ordni ta' Trażżin għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien ta' tlett snin liema żmien jibda għaddej mid-data tal-iskadenza tal-piena lilhom erogata ai termini tal-Artikolu 382A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

## C. L-APPELL INTERPOST

5. Illi Robert ATTILA MAJLAT u Robert ATTILANE MAJLAT appellaw minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellanti tal-ewwel imputazzjoni in kwantu huma akkużati bir-reat fl-Artikolu 248A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-ħames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni, tas-seba' imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni u tikkanċellaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija u għaldaqstant tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni jew f'każ li s-sentenza tibqa' invarjata, tingħata piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarrew is-segwenti (in suċċint):

(i) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx b'mod raġonevoli u legali tasal għas-sejbien ta' ħtija tal-appellanti u r-raġunijiet prinċipali huma s-segwenti. Illi l-ewwel Qorti sabet lill-imputati ħatja tal-Artikoli 248B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex dan jiġi meqjus ippruvat jinħtieġ li jiġu sodisfatti tlett elementi li huma essenzjali biex dan ir-reat ikun ikkunsmat. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mogħtija nhar il-11 ta' Novembru 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Domenic Grixti, fejn bħal fil-każ odjern kienu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 248A kif emendati permezz tal-Att XVIII tas-sena 2013, qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tas-sena 2018 ġie ribadit kif isegwi dwar it-tlett elementi li jsawwru r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248A, liema elementi huma wkoll applikabbli għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 248B.[1] Hawnhekk il-Qorti għamlet ukoll referenza għat-tifsira ta' traffikar ta' persuni fl-Artikolu 248E tal-Kapitolu 9. Illi l-elementi tar-reat in kwistjoni huma : - (i) l-att (ii) il-mezz li minnu jagħmel użu l-aġent sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu u jwettaq l-att ta' traffikar innifsu tal-vittmi u (iii) l-għan u ċjoe' 'the purpose' li jikkonsisti fl-isfruttar għal wieħed jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fil-liġi. Illi l-appellanti jikkontendu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib ħtija fir-rigward tal-Artikolu 248B għaliex

[1] Hawnhekk ġie kkwotat verbatim dak li stqarret il-Qorti fil-każ iċċitat. Ara paġna 6 tar-rikors ta' appell nonche' paġna numru 1057 tal-atti proċesswali.

kuntrarjament għal konklużjoni li waslet fiha, l-element tal-mezz ma ġiex ippruvat. Illi allura biex il-Qorti ssib reita' fl-imputati jrid jiġi stabbilt ukoll illi l-mezz li jkun ġie utilizzat ikun wieħed minn dawk l-elementi elenkati fit-tieni subartikolu tal-Artikolu 248A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan is-subartikolu jelenka bħala l-mezzi l-vjolenza, it-theddid iklużż is-serq ta' persuna, il-qerq jew l-ingann...illi leglament irid isir eżami fuq jekk l-imputati wetqux almenu wieħed minn dawn il-mezzi. Jidher li l-ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li f'dan il-każ kien hemm il-qerq fil-konfront tal-allegat vittmi u li dawn kienu f'pożizzjoni ta' vulnerabilita' u għalhekk l-imputati ħadu vantaġġ minnhom meta dawn ġew Malta. L-appellanti ma jaqblux. Mix-xhieda mogħtija mill-allegat vittmi u ċjoe' Annamaria Csoka u Nikolett Csorba, il-Qorti ma setgħet qatt tasal li kien hemm xi qerq jew li ttieħed vantaġġ minnhom biex dawn jinġibu Malta. Fi kliem Nicollette Csorba, allegatament oħt l-imputata, din xehdet li ġewwa l-Ungerija hija kienet tgħix billi tipprostitwixxi ruħa. Skont l-istess xhud l-awtoritajiet Ungeriżi anki hadulha lill-uliedha u poġġewhom foster care minħabba din il-problema. Hija tkompli tgħid li l-imputati ħajruha tiġi Malta sabiex tkun f'pożizzjoni aħjar jekk tipprostitwixxi ruħa Malta u ttejjeb ħajjitha u anki tkun tista' takkwista lura lill-uliedha. Illi l-ewwel Qorti jidher li straħet ħafna fuq din il-frażi u nferiet minnha li kien hawn fejn l-appellanti qarrqu biha u ħadu vantaġġ mill-vulnerabilita' tagħha. Fir-rigward tal-allegata vittma l-oħra Annmaria Csoka jidher ukoll li l-ewwel Qorti mix-xhieda tal-istess Csoka waslet fil-konklużjoni li din ma kellhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief li tissottometti ruħa għal abbuż involut. Illi pero mix-xhieda tagħha ma ġie qatt ippruvat li l-imputati wżaw xi wieħed mill-elementi rikjesti mil-Liġi u ċjoe xi tip ta' vjolenza, theddid, inkluż is-serq tal-persuna, il-qerq jew l-ingann..Anzi meta mistoqsija hija xehdet li hija qatt ma qalet lill-imputati li hija tixtieq tieqaf mill-prostituzzjoni. Illi f'paġna 67 u 68 tas-sentenza tagħha tagħmel referenza għan-nuqqas ta' kredibilita' tal-allegati vittmi iżda imbagħad inesplikabilment tgħid li dawn in-nuqqasijiet ma jinkombux fuq il-kredibilita' tagħhom. Il-Qorti naqset li tikkonsidra li dan il-każ beda minħabba li allegatament kien hemm minuri li ġiet traffikata għal Malta għal fini ta' prostituzzoni iżda mbagħad ma rriżulta xejn minn dan anzi totalment l-oppost. Illi din it-tifla kienet it-tifla tal-appellanti li qiegħda tgħix ħajja kompletament normali mal-ġenituri tagħha u anki tattendi skola ġewwa Malta u hija studenta eżemplari. Jidher li l-Pulizija pero' marru oltre u investigaw allavolja ma kinx hemm kwerela jew lanjanza fir-rigward.

(ii) Illi fil-konfront ta' Nikolett Csorba l-imputati nstabu ħatja tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 205(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ai fini tal-(a) il-Prosekuzzjoni lanqas biss ippruvat li tassew Nikolett Csorba u l-appellanta kienu aħwa. Fi kliem ieħor lanqas ħaġa li kellha tagħmel il-Prosekuzzjoni kienet li jiġi esebit iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha.

(iii) Illi l-istess jgħodd għal dawk il-provi li l-prosekuzzjoni resqet sabiex jikkorraboraw ix-xhieda tal-allegati vittmi. F'ebda stadju max-xhieda ma ġew mitluba jidentifikaw in-numri tal-mobiles li kienu jintużaw, ir-ritratti li suppost kienu tagħhom li kienu jintużaw għal fini ta' riklami,

il-messaġġi li kienu jinerskambjaw jew xi kommunikazzjoni li allegatament kienet issir inkluż id-dokumenti li ġew esebiti bħala RG1 u RG2. Illi dan id-Dok RG1 u RG2 ġie muri lil Constantin Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech sabiex jikkonfermaw l-identita' tat-tfajliet li huma kellhom x'jaqsmu magħhom imma qatt ma ġie muri lill-allegati vittmi quddiem din il-Qorti sabiex jikkonfermaw jekk kinux huma f'dawk ir-ritratti jew kinux xi nisa oħra. Illi għalhekk ix-xhieda li taw Constantin Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech ma tikkorraborax il-provi tal-prosekuzzjoni u l-attivita' tal-prostituzzjoni li fuqha qed tħambaq il-Prosekuzzjoni.

(iv) Illi l-prosekuzzjoni assumiet li minħabba n-nuqqas ta' għarfien tal-lingwa Ingliża l-appellanta kienet tieħu ħsieb u tiffaċilita l-prostituzzjoni tal-allegati vittmi. In sostenn ta' dan saru numru ta' domandi mill-prosekuzzjoni lix-xhieda Constantin Dan Cosma, Osman Yasin u Carmel Dimech. Iżda mix-xhieda ta' dawn jirriżulta li dawn kienu qedin jikkomunikaw dirett mal-allegati vittmi u ma kien hemm bżonn tal-ebda intermedjarju. Il-prosekuzzjoni ma ġabitx prova tal-intermedjarju. Anzi, jekk xejn l-appellanti wkoll mgħandhomx għarfien tal-lingwa Ingliża tant li l-proċeduri f'dan il-każ saru bil-lingwa Maltija;

(v) Illi x-xhieda mogħtija minn Csoka Annamaria u Nikolett Csorba mhiex verosimili u attendibbli u meta tara ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ ma tagħmilx sens kif diġa ntqal aktar 'il fuq. Illi dan l-argument fl-opinjoni tal-appellant ġie aktar assodat minn dak li rriżulta mill-kontro-eżamijiet tal-vittmi. **Jidher minn dak li xehdu l-vittmi li dak li kienu qiegħin jagħmlu għamluh volontarjament**. **Fil-fatt huma qatt ma xehdu li l-appellanti kienu qed iġiegħluhom jagħmlu xi ħaġa. Mill-provi ma rriżultax li l-vittmi kienu qiegħdin jiġu ingannati jew li kienet qeda tintuża xi forma ta' influwenza jew presssjoni fuqhom. Lanqas irriżulta li kien hemm xi theddid jew xi serq ta' persuna. L-allegati vittmi kienu liberi li jagħmlu li jridu** u mill-osservazzjoni stess tal-pulizija rriżulta li l-allegati vittmi kienu liberi li joħorġu u jidħlu fl-appartament fejn kienu jgħixu liberament **u mingħajr restrizzjoni fuqhom.** Illi mill-banda l-oħra l-istill ta' ħajja tal-appellanti ma kienx xi wieħed fenomenali. L-appellanta kienet taħdem bħala ħassiela f'lukanda. Persuna li tmexxi burdell b'sitt tfajliet ma tmurx taħsel f'lukanda. Illi mit-tfittxija li għamlu l-pulizija fir-residenza tal-appellanti ma nstabu l-ebda flus kontanti kif wieħed jistenna li ser issib għand min jgħix fuq il-prostituti, infatti waħda mill-allegati vittmi allegat li kienet tgħaddi fuq elf ewro kuljum lill-imputat. Tant ix-xhieda tal-allegati vittmi kienet li ma tistax tistrieħ fuqha li lanqas l-iċken prova ta' stupru ma nġabet kif irrikonoxxiet il-Qorti stess. Finalment ix-xhieda ta' Annamaria Csoka hija xhieda ta' persuna li mhiex mentalment stabbli.

(vi) Illi l-prosekuzzjoni allegat ukoll li l-appellanti kienu krew żewġt appartamenti, wieħed sabiex jgħixu fih u l-ieħor sabiex issir il-prostituzzjoni fih. Fuq l-appartament li allegatament fih kienet qiegħda ssir l-attivitita' kriminali ma tressqet l-ebda prova għajr prova ta' tfittxija li saret ġo appartament bin-numru 4 liema tfittxija saret fil-preżenza tal-appellanti. L-ebda prova ta' ness ma saret bejn l-

appellanti u dan l-appartament. Illi dawn in-nuqqasijiet kollha ġew injoranti totalment mill-ewwel Qorti u meħuda bħala fatti ppruvati u dan peress li ma hu veru xejn li l-appellanti kienu b'xi mod jissodisfaw iż-żina ta' ħaddieħor billi bi vjolenza jew billi ħajru b'qerq lil Csoka Annmaria u Nikolett Csorba għall-prostituzzjoni. Illi lanqas kien vera li huma kienu qed iżommu xi burdell jew jgħixu minn fuq dan il-qliegħ.

(vii) L-aggravju dwar il-piena fejn ingħad kif il-piena inflitta kienet gravuża u ġew iċċitati xi sentenzi tal-Qrati nostrana f'dan is-sens. Ukoll, l-Artikolu 412C(4) ma hux applikabbli meta tingħata s-sentenza iżda huwa applikabbli biss bħala miżura preventiva waqt il-proċeduri.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi f'Novembru tas-sena elfejn u sbatax il-Pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzji f'Malta rċieviet informazzjoni mill-awtoritajiet Ingliżi li kien hemm persuna li ġġib l-isem ta' Robert Attila Majlat, li kien ta' nazzjonalita' Ungeriża, li flimkien mal-mara tiegħu Robert Attilane Majlat xebba Anico, kienu qiegħdin jipprostitwixxu tifla bl-isem ta' Vanessa Balog u li kienu jinsabu f'Malta. Il-Pulizija kellhom ukoll informazzjoni li din it-tifla, minuri, kienet bint Robert Attilane Majlat u mhux ukoll ta' Robert Attila Majlat iżda li trabbiet minnhom bħala l-ġenituri tagħha u kienet anki tattendi skola f'Malta fil-Kulleġġ ta' Marija Reġina fil-Mosta. Bħala parti mill-investigazzjoni tagħhom, il-Pulizija kienu anki jsegwu t-tifla u minn din l-osservazzjoni ma rriżultax li t-tifla fil-fatt kienet qiegħda tiġi pprostitwita iżda l-Pulizija setgħu jinnutaw attivita' li qajmitilhom suspett kif fl-indirizz fejn din it-tifla kienet tirrisjedi f'San Pawl il-Baħar, Malta kienet qiegħda ssir il-prostituzzjoni.

7. Illi fuq dan is-suspett, il-Pulizija aġixxiet billi kisbet mandat ta' arrest u tfittxija mill-Maġistrat tal-Għassa Ian Farrugia u nhar l-14 ta' Novembru 2017 huma daħlu fl-appartament numru 37, Flat 8 Triq Efesu f'San Pawl il-Baħar fejn sabu lil Robert Attila Majlat, lil martu Robert Attilane Majlat, lit-tifla tagħhom Vanessa Balog, lil ċerta Annamaria Csoka u t-tarbija tagħha kif ukoll lil ċerta Nikolett Csorba. Minn din it-tfittxija ġew elevati numru ta' telefowns ċellulari li kienu qiegħdin fil-kamra tas-sodda tal-konjuġi Majlat u apparat elettroniku ieħor. Il-Pulizija kellha wkoll informazzjoni li l-konjuġi Majlat kellhom appartament ieħor fi Triq San Ġilormu f'San Pawl il-Baħar fejn kienet qiegħda ssir din l-attivita' illeċita' u infatti wetqu tfittxija hemmhekk ukoll minn fejn ġie elevat materjal assoċjat ma' attivitajiet ta' natura sesswali. Il-Pulizija nvestigat ukoll numru ta' siti elettroniċi fejn

Nikolett Csorba u Annamaria Csoka dehru f'ritratti li juru atteġġjamenti ta' natura sesswali u fuq l-istess sit miktub bil-lingwa Inġliża kien hemm riklam sabiex dawn jiġu kkuntatjati fuq in-numru ta' telefown ċellulari li kien jidher fl-istess riklam sabiex huma jwettqu attivitajiet ta' natura sesswali lill-klijent b'korrispettiv ta' ħlas.

8. Illi l-Pulizija tkelmu ma' Nikolett Csorba u Annamaria Csoka kif ukoll ma' xi klijenti li kienu utilizzaw is-servizzi riklamati u minn dak li stqarrew magħhom, komplew isaħħu s-suspett li tali attivita' illeċita' kienet qiegħda tiġi orkestrata u mmaniġjata mill-konjuġi Majlat. L-appellanti konjuġi Majlat ġew arrestati u tteħditilhom stqarrija bil-miktub b'rabta ma' din l-investigazzjoni u dan wara li huma użufruwixxew mid-dritt għall-assistenza legali kif viġenti fil-Liġi fiż-żmien tar-rilaxx tal-imsemmija stqarrijiet.

9. Il-Pulizijja komplew ukoll bl-investigazzjonijiet tagħhom b'rabta ma' transazzjonijiet bankarji li l-istess konjuġi Majlat kienu wettqu fil-perjodu li kienu qiegħdin jgħixu Malta u dan b'rabta ma' imxija ta' flejjes li dehru jiġu trasferiti minn Malta għall-Ungerija f'perjodu fejn il-konjuġi Majlat kienu ddikjaraw li l-introjtu tagħhom kien dipendenti mill-impjieg f'lukanda ta' ATTILANE MAJLAT u minn attivita' ta' trasport li ATTILA MAJLAT stqarr li kellu fl-Ungerija fi sħab ma' ħaddieħor. Il-Pulizija nvestigaw ukoll numru ta' messaġġi li dehru jintbgħatu mill-istess telefowns ċellulari li ġew elevati u ssekwestrati mill-kamra tas-sodda tal-konjuġi MAJLAT nhar l-14 ta' Novembru 2017.

10. Sussegwentement, nhar is-16 ta' Novembru 2017. Il-konjuġi MAJLAT ittieħdu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixlija bl-imputazzjonijiet hawn fuq elenkati, fosthom bit-traffikar ta' persuni bi skop ta' prostituzzjoni.

**Analiżi tal-provi b'rabta mas-sejbien tal-ħtija fl-appellanti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom mertu tal-ewwel aggravju tal-appellanti.**

11. Illi l-ewwel imputazzjoni hija bbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta fil-Liġi nostrana taħt is-Sub Titolu VIII BIS 'Fuq it-Traffikar ta' Persuni' permezz tal-Att III tas-sena 2002, u ġiet sussegwentement emendata permezz ta' l-Att XVIII tas-sena 2013. Illi qabel ma ġiet

introdotta din is-sezzjoni fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat ta' traffikar ta' persuni ma kienx għadu kkontemplat bħala reat ad hoc fil-Liġi Maltija u kien biss fl-isfond tal-addozzjoni ta' liġijiet f'dan is-sens fil-qasam internazzjonali - fosthom il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra r-Reati Organizzati Transnazzjonali tal-15 ta' Novembru 2000 u l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Kastig tat-Traffikar tal-Persuni speċjalment tan-Nisa u t-Tfal - li l-Leġislatur introduċa dan ir-reat fil-Kodiċi Kriminali Malti.[2]

12. Kif ingħad, fis-sena 2013, l-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat sabiex jinkludi wkoll 'forom oħra ta' sfruttament sesswali' b'żieda mal-forom l-oħra ta' sfruttament li l-Leġislatur kien diġa introduċa permezz tal-Att III tal-2002. Għaldaqstant, l-Artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat permezz tal-Att XVIII tas-sena 2013 u allura kif viġenti fiż-żmien tat-twettiq tal-allegati reati in diżamina, kien u għadu jaqra hekk:

> Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-eta' bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, jeħel meta jinsab ħati il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1).

13. L-elementi ta' dan ir-reat iridu neċessarjament jeżistu **kumulativament.**[3] Dawn huma s-segwenti:

(i) **L-att** u cjoe' wieħed minn dawk l-atti ta' traffikar tal-persuna kif imfisser fid-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 248E tal-Kodiċi Kriminali;
(ii) **Il-mezz** li minnu jagħmel użu s-suġġett attiv tar-reat sabiex iwettaq l-att tat-traffikar tal-vittmi (Artikolu 248A(2) tal-Kodiċi Kriminali);
(iii) **L-għan** u ċjoe' 'the purpose' li jikkonsisti fl-isfruttar għall-wieħed jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi (Artikolu 248A(1) tal-Kodiċi Kriminali, skont il-każ).

---

[2] Ara l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Harish Daswani** deċiż nhar l-1 ta' Settembru 2020.
[3] Skont il-**Commentary to the Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings:**

> For there to be trafficking in human beings ingredients from each of the three categories (action, means, purpose) must be present together. **There is, however, an exception** regarding children: under Article 4(c) recruitment, transportation, transfer, harbouring or receipt of a child for the purpose of exploitation is to be regarded as trafficking in human beings even if it does not involve any of the means listed in Article 4(a). Under Article 4(d) the word "child" means any person under 18 years of age. Aċċess: 1 ta' Settembru 2022.

14. Għal dak li jirrigwarda **l-att materjali**, l-Artikolu 248E tal-Kodiċi Kriminali jqis bħala "traffikar ta' persuna" atti ta':

> ir-reklutaġġ, trasport, bejgħ jew trasferiment ta' persuna, jew ta' minuri, skont kif jista' jkun il-każ, inkluż il-ħabi ta' dik il-persuna, jew tal-minuri, li wara tiġi riċevuta u jkun hemm bdil jew trasferiment ta' kontroll fuq dik il-persuna, jew fuq il-minuri, u tinkludi kull għemil li jiffaċilita id-dħul, transitu, residenza fi jew ħruġ mit-territorju ta' xi pajjiż għal xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu, skont kif jista' jkun il-każ.

15. Din id-definizzjoni ta' 'traffikar ta' persuni' hija riflessjoni tad-definizzjoni tal-istess li tinsab fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra r-Reati Organizzati Transnazzjonali tal-15 ta' Novembru 2000 (''Il-Konvenzjoni'') liema definizzjoni tirriproduċi d-definizzjoni tar-reat ta' traffikar ta' persuni li kienet ġiet inkorporata fil-Palermo Protocol ossija l-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Kastig tat-Traffikar tal-Persuni speċjalment tan-Nisa u t-Tfal hekk kif kien dan tal-aħħar li l-ewwel li rreġistra qbil internazzjonali fuq definizzjoni komuni tar-reat in kwistjoni.[4]

16. Din id-definizzjoni tinkludi fiha mhux biss l-att materjali (li fil-Kodiċi Kriminali Malti jinsab definit fl-Artikolu 248E(1) kif ingħad) iżda wkoll l-elementi l-oħra tar-reat ta' traffikar ta' persuni li fil-qafas leġislattiv Malti huma riflessi fid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 248A u 248B tal-Kodiċi Kriminali.

17. Illi **l-mezz** utilizzat irid neċessarjament ikun wieħed (jew aktar) mill-mezzi elenkati fl-Artikolu 248A(2) tal-Kodiċi Kriminali. Din hija wkoll riżultat tal-influwenza ta' kurrenti internazzjonali fuq materja ta' protezzjoni tal-persuni minn sfruttament u skjavitu' sesswali. Il-kliem użat f'din id-disposizzjoni huwa mudellat fuq it-test tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill Ewropew 2002/629/JH[5] liema strument legali kellu bħala skop dak li jarmonizza id-definizzjoni ta' traffikar u l-elementi kostitutivi tiegħu b'mod li tiġi krejata ċertezza legali fil-varji ġurisdizzjonijiet. B'hekk l-Artikolu 248A(2), kif viġenti fiż-żmien tat-twettiq tar-reati in diżamina u għalhekk qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tas-sena 2018, jelenka s-segwenti bħala l-mezzi (il-wieħed jew iktar minn wieħed) li jeħtieġ li jiġi ppruvat li ġew utilizzati mill-aġent tar-reat sabiex jilħaq l-għan tiegħu:

---

[4] CETS 197 - Explanatory Report to the Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings (coe.int) aċċess: 1 ta' Settembru 2022

[5] Din id-deċiżjoni ġiet imbagħad sostitwita bl-implementazzjoni tad-Direttiva 2011/36 EU.

(a) vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna;
**(b) qerq jew ingann**;
(ċ) użu ħażin tal-awtorità, influenza jew pressjoni;
(d) li wieħed jagħti jew jirċievi ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna oħra;
**(e) abbuż ta' poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà:**

**Iżda f'dan il-paragrafu "pożizzjoni ta' vulnerabbiltà" tfisser sitwazzjoni li fiha persuna kkonċernata ma jkollhiex alternattiva reali jew aċċettabbli ħlief li tissottometti ruħha għall-abbuż involut.**[6]

18. Għall-fini tar-reat imsemmi fl-artikolu 248A(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-għan tal-aġent attiv tar-reat meta huwa jwettaq l-isfruttament tal-persuna, irid ikun wieħed minn dawk elenkati fl-Artikolu 248A(1) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk dan l-għan, irid ikun neċessarjament milħuq bl-użu ta' dawk il-mezzi elenkati fl-Artikolu 248A(2) tal-Kodiċi Kriminali iżda jrid ikun ukoll dejjem neċessarjament marbut mal-isfruttament tal-persuna u mhux ma' reati oħra kontra l-persuna. U in kwantu għal definizzjoni ta' sfruttament (test Ingliż: exploitation), il-proviso li jinsab immedjatament wara l-Artikolu 248A(1) tal-Kodiċi Kriminali jinkludi bħala sfruttament:

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu sfruttament jinkludi li persuna tiġi meħtieġa tipproduċi oġġetti u tipprovdi servizzi taħt kundizzjonijiet u f'ċirkostanzi li jmorru kontra standards fil-kamp tax-xogħol li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol, pagi u s-saħħa u s-sigurtà.

19. Kwantu għar-reat preskritt fl-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali, l-għan imbagħad irid ikun sabiex:

tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew forom oħra ta' sfruttament sesswali

imma dejjem b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

20. Fil-kuntest tar-reat imsemmi fl-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali għalhekk l-għan jista' jkun l-isfruttament għall-prostituzzjoni jew sfruttament f'attivitajiet pornografiċi jew inkella fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew xi forom oħra ta' sfruttament sesswali.

21. L-appellanti jikkritikaw is-sentenza appellata fejn din ikkonkludiet li l-aġir tal-appellanti kien jammonta għal wieħed jew

---

[6] Enfasi ta' din il-Qorti.

iktar minn dawk **il-mezzi** li tikkontempla l-Liġi fl-Artikolu 248A(2) tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li mill-verżjonijiet mogħtija minn Csoka u Csorba – marbuta ma' provi ta' natura ċirkostanzjali oħra – kienu jirriżultaw il-mezzi elenkati fl-Artikolu 248A(2) (b) u (e) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellanti jisħqu li huma qatt ma wżaw xi forma ta' qerq sabiex Csoka u Csorba jsibu ruħhom f'Malta u jipprostitwixxu ruħhom hawnhekk; wisq anqas jammettu u jikkonċedu li huma qatt abbużaw minn xi pożizzjoni ta' vulnerabilita' tal-allegati suġġetti passivi tar-reat sabiex dawn jiġu sfruttati għall-prostituzzjoni.

22. Skont il-**Council of Europe Explanatory Report** fuq il-Konvenzjoni,[7] il-qerq u l-ingann huwa l-iktar mezz utilizzat mit-traffikanti tal-persuni. Dan il-qerq jista' jieħu diversi forom bħal meta l-vittma tkun ġiet imġiegħla temmen li hija sejra ssib xogħol aħjar minflok tiġi mogħtija informazzjoni veritiera dwar l-isfruttament li tkun sejra tiġi suġġetta għalih. Bosta drabi dan l-ingann jintuża mill-aġent tar-reat minflok l-użu ta' vjolenza. Inoltre, mhux meħtieġ li jiġi pruvat kif is-suġġett passiv tar-reat kien indott għall-isfruttament sesswali permezz tal-iskjavitu'; iżda huwa biżżejjed li jiġi ppruvat kif is-suġġett passiv ikun sab ruħu sfruttat sesswalment minħabba xi forma ta' ingann adoperat mill-aġent tar-reat. B'rabta mal-interpretazzjoni tal-artikolu numru 601 tal-Codice Penale Taljan li jitratta r-reat ta' 'tratta di persone' il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza n. 40045/2010 stqarret:

> Ai fini della configurabilita' del delitto di tratta di persone (art. 601 c.p.,) non e' richiesto che il soggetto passivo si trovi gia' in schiavitu' o condizione analoga, con la conseguenza che il delitto in questione si ravvisa anche se una persona libera sia condotta con l'inganno in Italia, al fine di porla nel nostro territorio in condizione analoga alla schiavitu'; **il reato di tratta di puo' essere, infatti, commesso anche con induzione mediante inganno in alternativa alla costrizione con violenza o minaccia**,[8] al fine di commettere i delitti di cui all'art.600, comma prima, c.p...

23. Il-mezz ta' abbuż ta' pożizzjoni ta' vulnerabilita' ġie introdott fil-Liġi Maltija permezz tal-Att XVIII tas-sena 2013. Skont il-**Council of Europe Explanatory Report** fuq il-Konvenzjoni dan jinvolvi sitwazzjoni fejn il-vittma ma tarax alternattiva oħra ħlief dik li tissokkombi għal dak l-isfruttament u din il-vulnerabbilita tista' tieħu l-forma fiżika, psikoloġika, emozzjonali, soċjali, ekonomika kif ukoll

[7] CETS 197 - Explanatory Report to the Council of Europe Convention on Action against Trafficking in Human Beings (coe.int) aċċess: 1 ta' Settembru 2022.
[8] Enfasi ta' din il-Qorti.

jista' jkollha mottiv marbut mal-familja (test Ingliz: 'family related'). Ir-rapport ikompli jispjega hekk:

> The situation might, for example, involve insecurity or illegality of the victim's administrative status, economic dependence or fragile health. In short, the situation can be any state of hardship in which a human being is impelled to accept being exploited. Persons abusing such a situation flagrantly infringe human rights and violate human dignity and integrity, which no one can validly renounce.

24. F'dan il-każ, iż-żewġt xhieda Csorba u Csoka kienu l-akkużaturi prinċipali tal-appellanti. Kienu huma li bix-xiehda tagħhom spjegaw l-esperjenzi tagħhom u implikaw bl-iżjed mod ċar lill-appellanti fil-kommissjoni ta' reati kriminali, fosthom dak imsemmi fl-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali. Anzi, li kieku ma kienx għax-xiehda tagħhom, dan il-każ kontra l-appellanti kien ikun dgħajjef b'mod li qajla kien setgħa jwassal għal sejbien ta' ħtija.

25. Matul il-kors tal-kompilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ġew preżentati diversi provi li juru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li:

(a) Għalkemm jirriżulta li Csorba u Csoka kienu ġew Malta u li kienu wkoll għażlu li joffru servizzi sesswali bi ħlas, kien hemm drabi fejn fil-konfront ta' Csorba u Csoka kienet ġiet eżerċitata vjolenza kemm fiżika kif ukoll morali fuqhom. Kemm Annamaria Csoka kif ukoll Nikolett Csorba (f'paġna 894 tal-atti proċesswali) issemmi kif Robert ATTILA MAJLAT kien aggressiv u li kien jerfa' jdejh fuqhom. F'paġna 878 sa 879 mbagħad Annamaria Csoka terġa tirribadixxi kif hija qatt ma kienet iżżomm xejn mill-flus li kienet tagħmel mil-prostituzzjoni u li kienet tgħaddi kollox lill-konjuġi MAJLAT hekk kif lanqas kont bankarju f'isimha qatt ma kellha. Dan xehditu wkoll b'mod konsistenti Nikolett Csorba fejn tgħid kif il-flejjes kollha li kienet taqla' mill-prostituzzjoni kienet tgħaddihom lill-oħtha l-appellanta u li saħansitra l-kirjiet tal-appartamenti kienet titħallas 'from earnings of prostitution'. F'paġna 910 in kontro-eżami, Nikolett Csorba wkoll tikkonferma kif kienu l-konjuġi MAJLAT li kienu jipprovdu għal għixien tagħhom 'If I asked for anything they gave me'.

Ir-rekwiżit tal-vjolenza f'dan il-kuntest jista' jkun kemm wieħed fiżiku daqskemm wieħed morali. Il-vjolenza li tirreferi għaliha l-Liġi hawnhekk mhux bilfors trid timmanifesta ruħha f'offiża fuq il-persuna. Il-vjolenza tista' tkun waħda ta' natura verbali jew riflessa f'imġieba aggressiva. L-eżistenza o meno ta' vjolenza

mill-persuna mixlija fuq l-allegati vitmi fit-twettieq tal-atti kostitwenti r-reat hija kwistjoni ta' fatt li l-istabbilir tal-eżistenza o meno tagħha tiddependi fuq l-attendibilita tal-provi li jitresqu. Ġaladarba din hija kwistjoni ta' fatt, il-Qorti tista' tistabbilixxi l-eżistenza tal-vjolenza kemm bix-xiehda ordinarji iżda fejn meħtieġ ukoll bl-għajnuna ta' esperti tekniċi.

Minbarra l-vjolenza, r-reat jista' jirriżulta fi ħsara fiżika jew psikoloġika lil allegata vitma. Anke hawn l-eżistenza o meno ta' ħsara fiżika jew psikoloġika fuq il-vitma u r-rabta bejn il-ħsara fiżika jew psikoloġika mal-kommissjoni tar-reat hija kwistjoni ta' fatt rimessa għall-ġudizzju prudenti tal-Qorti, li tista' tistabbilixxi l-eżistenza o meno tal-ħsara u n-nexus mar-reat kemm b'xiehda ordinarji kif ukoll b'dawk esperti. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha provi li juru l-eżistenza tal-element tal-vjolenza eżerċitat fuq l-allegati vitmi magħquda ma l-impatt psikoloġiku li ħalla fuqhom.

(b) Li kemm Csorba kif ukoll Csoka kienu f'qagħda ta' vulnerabilita u li kienu jikkwalifikaw bħala persuni vulnerabbli fis-sensi tal-artikolu 208AĊ(2) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li kienu persuni li jew isofru minn mard fiżiku jew mentali jew li kienu f'qagħda partikolarment f'riskju li jiġu mħajjra biex jikkoperaw ma l-awtur tar-reat jew li jċedu għal volontà ta' l-awtur tar-reat meta tieħu kont tal-età, il-maturità, is-saħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta' dipendenza, kif ukoll il-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna. Ibda biex jiġi rilevat kif mix-xhieda ta' Annamaria Csoka jirriżulta kemm hija kienet dipendenti minn fuq il-konjuġi MAJLAT sabiex jipprovdulha saqaf fuq rasha kif ukoll sabiex imantnu lilha u lit-tarbija tagħha. Tant hu minnu dan li hija stess tixhed f'paġna 37 tal-atti proċesswali li qatt ma qalet lill-appellant li ma riditx tibqa' tgħix din it-tip ta' ħajja għaliex hija kellha lil binha għal min taħseb ukoll u mhux biss fiha nnifisha; u li kieku għamlet hekk hi u binha 'would have ended up without nothing'. F'paġna 40 tal-atti proċesswali Annamaria Csoka tgħid ukoll li hija kienet segwiet lil konjuġi MAJLAT kull fejn kienu jiċċaqalqu għaliex 'she had nowhere to go'; u qalet ukoll f'paġna 41 tal-atti proċesswali kif 'Where they went she went with them'. Imbagħad meta xehdet in kontro-eżami, f'paġna 833 Annamaria Csoka tgħid li kienet troddilhom lura l-flejjes li tkun qalgħet għaliex 'I didnt' want them to hurt me'. Għalkemm Nikolett Csorba u Annamaria Csoka provdew servizzi sesswali bi ħlas, xorta waħda

jibqa' l-fatt li huma kienu qiegħdin jgħixu **f'kundizzjoni ta' vulnerabbilita'** tali li minħabba fiha baxxew rashom għal dak l-isfruttament. Anzi, Nikolett Csorba tixhed hekk f'paġna 911 tal-atti proċesswali:

> Qorti: ..they want to know why you didn't report this to the Police?
> Inter: How could I when all my steps were conducted, they knew all my steps, if something happened, Robbie threw me to the wall by my neck
> Qorti: Robbie kien qabadni minn għonqi u tefgħani mal-ħajt.I didn't understand 'how could I?'
> Inter: How could I give notice to anybody or how could I have reported, she didn't use the 'report' word, when all my steps were controlled, watched and guarded.

Fix-xhieda tagħha f'paġna 175, Annamaria Csoka tgħid li hija l-ewwel darba li ltqagħet ma' l-appellant Robert Attila MAJLAT kien l-Ungerija meta kellha madwar dsatax-il sena u tgħid li dan kien fl-okkażjoni fejn l-appellant xtraha mingħand il-'pimp' li qabel kien iħaddimha għall-skop ta' prostituzzjoni. Dan hija terġa' tikkonfermah kemm fil-kontro-eżami li sarilha fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru 2017 kif ukoll fl-ieħor li sarilha nhar is-16 ta' Ottubru 2020. Hija tgħid ukoll li minn hemmhekk imbagħad marret ma' l-appellant u ma' martu Anico ossija l-appellanta ATTILANE MAJLAT l-Ingilterra fejn ukoll kienet imħadma bħala prostituta u tgħid li l-biljetti tal-ajru kien jixtrihom u jħallashom l-appellant. Wara li kienu għal xi żmien l-Ingilterra, hija tgħid li marru għal ftit żmien l-Ungerija u wara marru l-Olanda u kien l-appellant u l-appellanta li kienu jixtru l-biljetti tal-ajru. Issemmi wkoll kif fl-Olanda l-Pulizija kienu bdew jissuspettaw fihom u għalhekk ħarbu wkoll minn hemmhekk.

F'paġna 844 tax-xhieda tagħha, Annamaria Csoka tgħid ukoll li l-Olanda kien hemm ukoll Nikolett Csorba, oħt Anico, flimkien mal-konjuġi MAJLAT, binthom u Julo ħu l-appellant. Kemm fl-eżami kif ukoll fil-kontro-eżami Annamaria Csoka tgħid li fis-sena 2016 kienet imbagħad ġiet Malta mal-konjuġi MAJLAT iżda li mbagħad kellhom jerġgħu jħallu Malta sabiex imbagħad irritornaw fis-sena 2017. Hija tgħid li waslet Malta ma' l-appellant u ma' Vanessa hekk kif qabel jiġu Malta baqgħet mal-appellant fl-Ungerija sabiex jirreġistraw it-tarbija li kienet weldet l-Olanda. Hija xehdet ukoll li Anico ossija l-appellanta kienet diġa' waslet Malta qabilhom. Annamaria Csoka dejjem sostniet li f'Malta hija kienet tirrisjedi fl-appartament bit-tarbija tagħha mal-appellanti u ma' bint l-

appellanta Vanessa Balog. F'paġna 185 tal-atti proċesswali hija tgħid:

Defence: Issa f'Malta fejn kienet qed tgħix?
Interpreter: Hi ma tafx x'jisimha t-triq imma kienet tgħix ma Robert, Anico, Vanessa u l-baby.
Defence: Fl-istess dar?
Interpreter: Meta kien ikollna xi xogħol x'nagħmlu konna nimxu lejn id-dar tax-xogħol.

Illi mix-xhieda tagħha, Annamaria Csoka tiddistingwi bejn ir-residenza li kienet tgħix fiha mal-konjuġi MAJLAT u binthom u dik fejn kienet tmur għax-'xogħol':

Defence: X'dar tax-xogħol?
Interpreter: Fejn kienet tintogħoġob mal-klijenti.
Defence: Ġo din id-dar tax-xogħol?
Interpreter: Viċin fejn kienet tgħix lejn ic-cinema.

U dan li xehdet Annamaria Csoka kkonfermatu wkoll Nikolett Csorba fejn f'paġna 199 tal-atti proċesswali hija qalet li waslet Malta fis-sena 2016 ma' oħtha Anico l-appellanta u ma' tfajla oħra bl-isem ta' Gabriella u waslu mill-Olanda. Hija tgħid li meta waslet Malta kienet tirrisjedi f'appartament flimkien ma' Anico u Gabriella u tgħid li dan kien l-istess appartament fejn kienu daħlu l-Pulizija jiġbru xi affarijiet minn tagħhom, b'referenza kwindi għall-appartament fi Triq San Ġilormu f'Buġibba. Dan reġgħet ikkonfermatu fil-kontro-eżami li sarilha fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Ottubru 2020 fejn f'paġna 891 tal-atti proċesswali żiedet ukoll – **<u>b'mod lineari kwindi ma' dak li xehdet Annamaria Csoka</u>** – li kien l-appellant li kien iħallas għal biljetti tal-ajru biex jivvjaġġjaw minn post għall-ieħor. F'paġna 896 **<u>tikkonferma</u>** dak li qalet Annamaria Csoka u ċjoe' li meta kienu l-Olanda huma kellhom jitilqu għaliex:

And every day the Police was coming to the house and I don't know what the problem really was and the solution was (...)

Il-verżjoni tagħha **<u>taqbel ukoll</u>** ma' dik ta' Annamaria Csoka fejn din tal-aħħhar kienet qalet kif hija marret ma' Robert ATTILA MAJLAT l-Ungerija sabiex it-tarbija tagħha tiġi reġistrata hemmhekk għaliex dan ma setax isir fl-Olanda:

Qorti: That's what I wanted to hear. They came after from Holland.

Inter: The first day they went back to Hungary and then they came from Hungary because the son of Mari was born in the Netherlands, but they couldn't do the registry for the birth certificate.
Qorti; So she came to Malta with Aniko.
Inter: And with Gabby. They came in three.

F'paġna 901 tal-kontro-eżami tagħha, Nikolett Csorba **wkoll taqbel** mal-verżjoni ta' fatti li tat Annamaria Csoka fejn din dejjem sostniet kif waslet Malta mill-Ungerija mat-tarbija tagħha u mal-appellant, u bint l-appellanta Vanessa Balog u **mhux ukoll** ma' Anico l-appellanta. Iżżid tgħid ukoll li mal-wasla tagħhom, Anico l-appellanta trasferixxiet ruħha fl-appartament mal-appellant, m'Annamaria Csoka u t-tarbija kif ukoll ma' bint l-appellanta Vanessa:

Inter: Afterwards I was with the other girls in the other apartment.
Qorti: U mbagħad jiena bqajt f'dak l-appartament mat-tfajliet l-oħra, fl-ewwel wieħed li konna. So, if I am understanding well to wrap this up, it was Robert, Vanessa and Aniko went to the second flat?
Inter: Robert, Vanessa, Aniko, Marie and the baby, I stayed in the first apartment with another girl, and there was another lady who left after and then there were others who came, two months.

Csorba u Csoka xehdu li kienu fil-prostituzzjoni u li ħadmu f'Malta ta' prostituti kif ukoll li l-flejjes li kienu jaqilgħu mill-prostituzzjoni kienu jgħadduhom lil konjuġi MAJLAT liema flejjes kienu jintużaw fost oħrajn għall-ħlas tal-kera tal-appartamenti oltre għax-xiri tal-bżonnijiet ta' kuljum tagħhom u fil-każ ta' Csoka, għat-tarbija tagħha. F'paġna 177 tax-xhieda tagħha Csoka tgħid is-segwenti:

Pros: Rigward il-ħlas inti għidt li l-flus kienet tpoġġihom taħt il-mejta (recte: mejda). Kienet tirċievi xi ħaġa minn dawk il-flus? Kienet iżżomm xi ħaġa minn dawk il-flus?
Interpreter: Mela l-ammont kollu kellu jingħata lil Robert. Huma ma kellhomx sehem minnhu. Jekk kien ikollhom bżonn ta' xi ħaġa kienu jgħidu lilu biex jixtriha u kien jixtrihielhom. Ma kellhomx flus tagħhom x'jonfqu.
Pros: Mela mill-eta' ta' dsatax (19) -il sena sal-lum qatt irċiviet xi salarju? Irċiviet xi flus?
Interpretu: Hi se tagħlaq sitta u għoxrin (26) sena f'Jannar. Le, hi qatt ma kella salarju la kienet qed tagħmel dan it-tip ta' xogħol.
Pros: Allura kif kienet tgħix?
Intepreter: Kienu jixtrulhom kollox huma. Jekk kellhom bżonn il-ħrieqi kienu jixtruhomlhom. Qatt ma kellha l-flus tagħha.

Dan il-fatt tikkonfermah ukoll in kontro-eżami fejn f'paġna 833 tax-xhieda tagħha Csoka tgħid li l-flejjes li hija kienet taqla' mill-

prostituzzjoni (b'referenza għaż-żmien li qattgħet l-Ingilterra ma' Robert u Anico) kienet tgħaddihom kollha lil Robert u Anico.

Csorba **wkoll tikkorrabora** l-verżjoni ta' Csoka meta f'paġna 900 tax-xhieda tagħha hija tgħid hekk:

Qorti: Mela l-ewwel kienu 3 fl-appartament, jiġifieri kienu Aniko, Gabriella u Nikolette. U kien jħallsu għall-kera, Aniko kienet tħallas il-kera hi imma kienet tħallas il-kera mill-flus li kienu jtuha hi u Gabriella mix-xogħol tagħhom. Aniko ma kinitx tagħmel dak ix-xogħol qalet...

.../.....

Qorti: U kemm il-kera ta' dan l-appartament li issa t-tieni wieħed li kriet Aniko **u kemm l-ewwel wieħed kienu jitħallsu minn dak ix-xogħol**.[9] Hi qed tgħidlu 'that' ix-xogħol u ma tridx issemmieh. Imma kull darba li tirreferi għal dak ix-xogħol, qed tirreferi 'għal dak'.

Kemm mix-xiehda tal-Ispettur John Spiteri kif ukoll minn xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-klijenti kienu jagħmlu kuntatt ma' dawk in-numri telefoniċi li kienu dehru fuq is-siti in kwistjoni u wħud minn dawn ix-xhieda għarfu wkoll lill-allegati vittmi bħala l-persuni li kienu pprestaw is-servizzi sesswali hemmhekk irriklamati. F'paġna 332 Osman Yasin Abdikarin u f'paġna 335 Johnathan Zahra jixhdu kif huma għamlu kuntatt mat-tfajliet permezz tan-numru li jidher fis-sit elettroniku li dan tal-aħħar semma' li kien jismu "Maltese Escorts". Osman Yasin Abdikarin jgħid li preċiżament li huwa ċempel in-numru li kien jidher fuq Dok RG1.

Dawk ix-xhieda li l-Prosekuzzjoni tellgħat bħala klijienti li għamlu kuntatt ma' jew użaw is-servizzi rreklamati fejn jidhru Nikolett Csorba u Annamaria Csoka, lkoll qalu li dejjem ikkommunikaw bil-lingwa Ingliża. Addirittura x-xhud Osman Yasin Abdikarin jgħid li meta l-ewwel għamel kuntatt fuq dak in-numru li jidher f'Dok RG1, it-tfajla li kelmitu qaltlu biex jibgħatilha messaġġ għaliex hija ma tafx tikkomunika bl-Ingliż. Jingħad ukoll li dawn ix-xhieda lkoll għarfu mal-Pulizija li l-persuni li ltaqgħu magħhom għal dawk il-prestazzjonijiet sesswali li kienu rreklamati fuq is-sit huma effettivament l-istess persuni li jidhru fuq is-sit nonche' Nikolett Csorba u Annamaria Csoka.

[9] Enfasi ta' din il-Qorti

Dawn ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni għalhekk ikkonfermaw li l-appuntamenti kienu jiġu reġistrati bl-Ingliż, ma persuna li kienet taf tikkomunika b'dik il-lingwa. Dan jaqbel ma dak li qal l-appellant fl-istqarrija tiegħu meta stqarr li 'wisq probabli' kienet il-mara tiegħu li kienet twieġeb il-messaġġi u tikkomunika mal-klijenti għaliex hija biss, għajr għal Vanessa Balog, kienet taf tikkomunika bl-Ingliż. Din il-verżjoni hija wkoll konsistenti ma dak li xehdu Nikolett Csorba u Annamaria Csoka hekk kif dawn dejjem irritenew li kienet l-appellanta li kienet tikkomunika mal-klijenti, tieħu r-ritratti, tgħidilhom liema poża joqgħodu fiha għar-ritratti u tgħidilhom x'għandhom jagħmlu mal-klijenti u għal kemm flus.

L-evidenza wriet li l-konjuġi MAJLAT ħadu vantaġġ minn din il-kundizzjoni prekarja u mwehra li kienu jgħixu fiha Nikolett Csorba u Annamaria Csoka u minflok tassew għenuhom kif huma sostnewilli għamlu, komplew jgħaksuhom u jpoġġuhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza fuqhom b'mod tali li jekk Nikolett Csorba u Annamaria Csoka ma jibqgħux parti miċ-ċirklu mħaddem minnhom, dawn kienu jispiċċaw fit-triq. U fil-każ ta' Annamaria Csoka, tispiċċa fit-triq hi u t-tarbija tagħha.

Nikolett Csorba tixhed iktar minn darba ta' kif hija kienet sfat ingannata mill-konjuġi MAJLAT u ġiet indotta f'dan iċ-ċirklu ta' sfruttament minn oħtha l-appellanta stess. F'paġna 895 tal-atti proċesswali, Nikolett Csorba tgħid hekk:

Qorti: When she came to Malta in May 2016, did she come to Malta voluntarily, out of her own will?
Inter: Do I have to tell that?
Qorti: Yes it is important. Maybe in short.
Inter: Aniko and Robert promised, I can't say that. If I do this kind of work.
Qorti: Aniko u Robert kienu wegħduha li jekk tagħmel dan it-tip ta' xogħol
Inter: Then I can go back to Hungary and get back the children.
Qorti: Li nkun nista' mmur lura l-Ungerija u nġib lura lit-tfal. Għalhekk kienet ġiet Malta għax qalulha hekk.

F'paġna 920 tax-xhieda tagħha mbagħad tgħid:

Qorti: Can I just ask you something about your work. Did you do this work also before Malta somewhere ehe in Holland?
Inter: The same. They were bribing me.
Qorti: Iva bl-istess mod.
Inter: They were bribing me that if I go to the Netherlands or if I come here, if I do the work I can receive my children back. But it was not true.

Dan l-istat ta’ vulnerabilita kien ġie wkoll rikonoxxut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-1 ta’ Settembru 2020 fejn tenniet is-segwenti:

Din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kaz, tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-parte civile huma kkunsidrati bhala persuni vulnerabbli u li ghandhom ikunu salvagwardata f'kull stadju tal-proceduri, din il-Qorti tqis ukoll li l-mod ta' kif isiru l-intervisti inkluz ilmod ta' kif tittiehed ix-xhieda ta' allegati vittmi ta' traffikar tal-bniedem ghandhom ikunu tali li ma jaghmlux aktar hsara fuq il-vittmi u jekk jista' jkun ma jigux soggetti ghal repetizzjoni ta' xhieda u ghalhekk jigi evitat ir-rivittimizzar taghhom. Din il-Qorti filfatt tinnota li l-Ewwel Qorti semghet ix-xhieda ta' dawn ix-xhieda tramite l-procedura tal-videoconferencing u ghalhekk l-imputati u l-allegati vittmi ma kienux fl-istess awla meta xehdu l-vittmi. Din hija ghodda importanti mhux biss meta jixhdu minuri izda meta jixhdu vittmi ta' reati bhal dawk li taghhom l-appellanti gew mixlija dwarhom. B'zieda ma dan, din il-Qorti tqis li ma hemm xejn li jipprojbixxa li l-allegati vittmi jixhdu fil-prezenza ta' persuni professjonali li jkollhom fiducja fihom bhal ma huma haddiema socjali. Din il-Qorti tishaq ukoll li l-ambjent ta' fejn tittiehed ix-xhieda u lmod ta' kif jitpoggew il-mistoqsijiet huwa fattur importanti sabiex jigi accertat li xxhieda ma jkunux intimidati bl-ambjent u bil-mod ta' kif jitpoggew il-mistoqsijiet. Mizura ohra li tista' tittiehed huwa li ma jkunx hemm daqstant persuni prezenti fl-istess kamra ta' fejn tittiehed ix-xhieda permezz tal-procedura tal-videoconferencing, fejn lAvukat difensur jista' jibqa' fl-awla u ghalhekk mhux fl-istess kamra max-xhud, isaqsi lmistoqsijiet li jrid jaghmel in kontro-ezami u jkun il-gudikant li wara li jevalwa kull mistoqsija mpoggiha mid-difiza, li jistaqsiha lix-xhud. 28 Din il-Qorti tishaq li xhieda vulnerabbli ghandhom ikunu protetti f'kull stadju u cioe' kemm matul l-investigazzjoni fejn ma ghandhomx jigu soggetti ghal intervisti ripettitivi minn ufficjali tal-Prosekuzzjoni u minn professjonisti ohra, kemm matul il-proceduri kriminali fejn ukoll ma ghandhomx ikunu soggetti ghal mistoqsijiet repettitivi kif ukoll wara li jigu konkluzi l-proceduri kriminali ghandhom jibqghu jinghatghu l-ghajnuna mehtiega

(c) Kif ukoll li Csorba kienet tiġi oħt l-appellanta filwaqt li Csoka kienet tiġi kuġina mill-bogħod tal-appellanta. L-appellanti nfushom, kemm meta rrilaxxjaw l-istqarrijiet rispettivi tagħhom mal-Pulizija kif ukoll meta xehdu viva voce dejjem rreferew għal Nikolett Csorba bħala oħt Anico ossija l-appellanta. L-appellanta stqarret li Csoka kienet kuġina tagħha mill-bogħod. Għalkemm l-allegati vitmi ma kienux tfal fid-dati rilevanti għal dan il-każ, xorta waħda jibqa’ l-fatt li l-appellanti jirriżulta pruvat li kellhom axxendent fuq l-allegati vitmi, sostanzjalment dovut għall-parentela stretta tal-appellanta ma Csorba u għalkemm iżjed imbegħda minn Csoka. Iżda xorta waħda tresqet prova ċerta li l-grad ta’ qrubija bejn appellanti u l-allegati vitmi – grad ta’ oħt u grad ta’ kuġina mill-

bogħod - kienet tali li minn natura tagħha tispira fiduċja bejn l-allegati vitmi u l-appellanti. Kienet ukoll grazzi għal dan il-grad ta' fiduċja mnissel intrinsekament fil-grad ta' parentela li wassal lill-appellanti sabiex jużaw u jabbużaw dan il-grad u l-fiduċja intrinseka fih fir-relazzjoni ta' bejnhom u l-allegati vitmi.

## Ikkunsidrat

26. Issa f'dan il-każ, ir-reat miġjub fl-ewwel imputazzjoni huwa r-reat li huwa l-iżjed serju u dan ġie addebitat mill-Avukat Ġenerali lill-appellanti skont kif jidher fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu li tidher f'paġna 357 tal-proċess. It-tieni reat kontestat, għalkemm xorta waħda serju pero mhux tal-istess gravita daqs l-ewwel reat imsemmi. L-Avukat Ġenerali għażel li jixli lill-appellanti b'dan il-mod:

(a) Fl-artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B, **248E(1)** u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli **205(a)(b)**, 251B, 222(1)(a), 202(h)(v) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

27. Jirriżulta ċar minn dan li l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jipotizza li l-provi f'dan il-każ kienu juru b'mod sikur li l-appellanti wetqu l-atti inkriminati b'abbuż ta' awtorita, fiduċja jew relazzjonijiet familjari inkella bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ. Dan huwa kjarament rifless fil-mod kif l-Avukat Ġenerali xela' lill-appellanti fir-rigward tat-tieni reat ipotizzat, li huwa r-reat imsemmi fl-artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali, ossija r-reat ta' min:

> biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iġiegħel bil-vjolenza, jew iħajjar b'qerq, persuna tal-età, għall-prostituzzjoni, jekk il-fatt ma jkunx jikkostitwixxi delitt akbar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlieta sa seba' snin:
> Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn erbgħa sa disa' snin, jekk id-delitt isir
> (a) b'abbuż ta' awtorità, ta' fiduċja jew ta' relazzjonijiet familjari; inkella
> (b) bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ.

28. Fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu, b'riferenza għat-tieni imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali żied ukoll il-kwalifika taħt l-artikolu 205(a) tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li r-reat ta' min iħajjar persuna tal-eta' għall-prostituzzjoni sar b'abbuż ta' awtorita, ta' fiduċja jew ta' relazzjonijiet familjari. Mill-provi li ġab, l-Avukat Ġenerali ikkonkluda lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li bejn l-appellanta u Nikolett Csorba kien hemm rabta ta' żewġt aħwa,

filwaqt li fil-konfront ta' Annamaria Csoka kien hemm rabta ta' kuġini mill-bogħod. Dawn il-gradi ta' parentela huma rabtiet familjari msejsa fuq il-fiduċja; anzi dik ir-relazzjoni fiha nnifisha tnissel sens ta' fiduċja fil-persuni li huma minsuġa f'dik ir-rabta. Mill-istess provi għalhekk l-Avukat Ġenerali ikkonkluda li l-atti ta' tħajjir għall-prostituzzjoni kommessi mill-appellanti fuq l-allegati vitmi saru b'abbuż ta' fiduċja jew abbuż ta' awtorita, jew abbuż ta' relazzjonijiet familjari.

29. Iżda imbagħad, għal xi raġuni, għalkemm l-Avukat Ġenerali rrikonoxxa l-kwalifika tal-abbuż ta' fiduċja kif imnissel minn relazzjonijiet familjari b'riferenza għat-tieni imputazzjoni kontestata minnu, ma kwalifikax ukoll ir-reat miġjub fl-ewwel imputazzjoni (iġifieri dik iżjed serja imsemmija taħt l-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali) b'dawk l-istess kwalifika tal-abbuż ta' fiduċja kif imnissel minn relazzjonijiet familjari. Din il-kwalifika tal-abbuż tal-fiduċja mnisla minn rabtiet familjari, flimkien mal-kwalifika tal-vjolenza nonche dik tal-vulnerabilita' huma kwalifiki li kienu applikabbli għal dan il-każ peress li l-provi dwarhom irriżultaw mill-provi miġbura matul il-kumpilazzjoni.

30. Dan qiegħed jingħad għaliex fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu f'paġna 357, b'riferenza għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti, l-Avukat Ġenerali inkluda l-artikolu 248E(1) tal-Kodiċi Kriminali (li jagħti t-tifsira ta' xi tfisser il-frażi "jittraffika persuna" applikabbli b'riferenza għall-artikolu 248A u 248B tal-Kodiċi Kriminali)[10] iżda ma nkludiex ukoll l-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali li huwa, u kien, ukoll applikabbli għall-artikoli 248A u 248B tal-Kodiċi Kriminali u li allura jippreskrivi wkoll dawk iċ-ċirkostanzi li jaggravaw ir-reat taħt l-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali u li l-Avukat Ġenerali kien obbligat li jieħu in konsiderazzjoni ġaladarba kellu l-prova sikura dwar l-eżistenza ta' dawk il-kwalifiki f'dan il-każ.

31. Huwa minnu li l-artikolu 248E(2) ġie emendat permezz tal-artikolu 16 tal-Att numru XXVIII tal-2016 u li ġie fis-seħħ bl-Avviż Legali 421 tal-2016, iġifieri mis-16 ta' Diċembru 2016 il-quddiem; u li dan allura jfisser li kwantu għal dawk l-atti kostitwenti r-reat imsemmi fl-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali mwetqa mill-appellanti sa minn dik id-data l-quddiem, kienu wkoll suġġetti għal

[10] Qal hekk: Fl-artikoli 248A(1)(a)(2)(3), 248B, **248E(1)** u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

dak li issa ġie li jipprovdi l-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu issa ġie jgħid hekk:

> (2) Meta xi wieħed mir-reati fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi –
>
> (a) isir flimkien ma' vjolenza, jew tkun ir-riżultat fi ħsara għas-saħħa fiżika jew psikoloġika tal-vittma fuq il-persuna; jew
> (b) jiġġenera rikavat li jkun ta' aktar minn ħdax-il elf sittmija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); jew
> (ċ) isir bl-involviment ta' xi għaqda kriminali skont it-tifsira li hemm fl-artikolu 83A(1); jew
> (d) isir minn uffiċjal jew funzjonarju pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijiet tiegħu; jew
> (e) isir kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2); jew
> (f) meta l-akkużat ikun xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ipperikola l-ħajja tal-persuna ttraffikata; jew
> (g) meta l-akkużat ikun diġà nstab ħati ta' offiża taħt danl-artikolu; jew
> (h) isir minn membru tal-familja tat-tfal, persuna li tkun qed tgħix mat-tfal jew persuna li tkun abbużat minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja jew awtorità,
>
> il-piena li xort'oħra kienet tkun tgħodd għandha tiżdied bi grad.

32. Iżda anke b'riferenza għal dak li kien l-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali qabel din l-emenda, xorta waħda jirriżulta li kien hemm l-estremi meħtieġa sabiex ir-reat imputat fl-ewwel imputazzjoni jitqies li kien kwalifikat. Qabel din l-emenda, l-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali kien jaqra hekk:

> Meta xi wieħed mir-reati fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi -
>
> (*a*) isir flimkien ma' vjolenza, jew tiġi kkawżata offiża gravi fuq il-persuna; jew
> (*b*) jiġġenera rikavat li jkun ta' aktar minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); jew
> (*ċ*) isir bl-involviment ta' xi għaqda kriminali skont it-tifsira li hemm fl-artikolu 83A(1); jew
> (*d*) isir minn uffiċjal jew funzjonarju pubbliku waqt it-twettiq ta' dmirijiet tiegħu; jew
> (*e*) isir kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2); jew
> (*f*) meta l-akkużat ikun xjentement jew b'nuqqas ta' ħsieb ipperikola l-ħajja tal-persuna ttraffikata,
>
> il-piena li xort'oħra kienet tkun tgħodd għandha tiżdied bi grad.

33. Kif intwera iżjed il-fuq fil-paragrafu 25, anke fl-2016, meta allura bdew l-atti kostitwenti r-reat f'dan il-każ bdew jiġu mwetqa fit-territorju ġurisdizzjonali Malti, kif intwera l-fuq, fil-kompilazzjoni kien hemm evidenza sikura ta' l-element tal-vjolenza morali u psikoloġika li kien jiġi eżerċitat mill-appellanti fuq l-allegati vittmi kif ukoll li l-allegati vitmi kienu persuni vulnerabbli fit-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2) tal-Kodiċi Kriminali li kien, u għadu jgħid hekk:

> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:
> (a) kull persuna ta' taħt il-ħmistax-il sena; jew
> (b) kull persuna li ssofri minn mard fiżiku jew mentali; jew
> (ċ) kull persuna oħra li tkun meqjusa mill-qorti li qiegħda partikolarment f'riskju li tiġi mħajjra biex tikkopera ma' min jinsab ħati jew li ċċedi għal volontà ta' min jinsab ħati meta tieħu kont tal-età, il-maturità, is-saħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta' dipendenza, kif ukoll l-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna.

34. Fil-fehma ta' din il-Qorti allura dawn il-kriterja msemmija fl-artikolu 248E(2)(a)(e) tal-Kodiċi Kriminali kienu diġa jemerġu minn qari tal-provi prodotti b'riferenza għal dawk l-atti kostitwenti r-reat li seħħew fl-2016 u fis-snin ta' qabel. Il-provi juru wkoll li għalkemm l-ewwel kuntatti ma' l-allegati vitmi kien sar qabel l-2016 u f'dik is-sena l-appellanti u l-allegati vitmi telqu minn Malta, fl-2017 xorta reġgħu ġew lura u xorta waħda reġgħu wetqu atti li permezz tagħhom l-allegati vitmi kienu twaslu f'Malta biex joperaw minn hawn u allura kienu responsabbli mid-dħul tagħhom f'Malta, mit-transitu lejn Malta, u mir-residenza f'Malta għall-għanijiet ta' sfruttament fil-qasam tal-prostituzzjoni. Mill-provi prodotti l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha dawn l-atti li jirriżultaw li seħħew kemm fl-2016 kif ukoll fl-2017. L-allegati vitmi jixhdu li dawn l-atti kienu jieħdu ħsiebhom, jiffaċilitawhom u jħaslu għalihom l-appellanti. B'hekk l-atti li jaqgħu taħt it-tifsira ta' "jitraffika persuna" fis-sensi tal-artikolu 248E(1) tal-Kodiċi Kriminali kienu japplikaw u ġew imwetqa kemm qabel l-emenda fl-artikolu 248E(2) kif ukoll wara l-emenda li kienet daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2016 fejn l-aggravji tar-reat imsemmi fl-artikolu 248B kienu ġew imwessgħin.

35. Jekk ġie pruvat b'mod sikur li kien hemm elementi ta' vjolenza, u abbuż mill-istat ta' vulnerabilita tal-allegati vitmi fl-2016, tali abbużi baqgħu ukoll jipperduraw fl-2017. Anzi, bis-saħħa tal-emenda introdotta f'Diċembru tal-2016, issa anke l-abbuż ta' fiduċja li f'dan il-każ kien imnissel minn relazzjoni familjari (u liema

relazzjoni kienet teżisti wkoll 2016 u fis-snin ta' qabel) setgħa jitqies bħala wieħed mill-kwalifiki għal dan ir-reat. Jekk l-appellanta u Csorba kienu aħwa fl-2016 u qabel, baqgħu aħwa fl-2017 u wara. Huwa fatt li l-allegati vitmi ma humiex tfal. Iżda l-fatt li dawn kellhom din il-parentela mill-qrib – b'mod partikolari Csorba mal-appellanta - u b'mod partikolari meta l-appellanti kienu jafu l-istat prekarju u vulnerabbli li kienu jinsabu fih kemm Csorba kif ukoll Csoka minħabba s-sitwazzjoni ta' dawn it-tnejn vis-a-vis l-istat tat-tfal tagħhom, l-appellanti kellhom jiġu meqjusa li użaw u abbużaw minn din il-posizzjoni ta' fiduċja li għandhom ma dawn il-qraba tagħhom. Minn qari akkurat tax-xiehda ta' Csorba u Csoka jirriżulta li huma ġew imħajrin biex jikkoperaw mal-appellanti jew ċedew għall-volonta tal-appellanti minħabba l-elementi ta' età, maturità, is-saħħa mentali, l-eventwali tqala, il-kondizzjonijijet soċjali rispettivi ta' Csorba u Csoka, b'mod li dawn ġew imqegħda f'sitwazzjoni ta' dipendenza finanzjarja u ekonomika mal-appellanti b'konsegwenzi fuq ħajjithom u l-psikoloġija tagħhom.

36. L-Avukat Ġenerali kellu prova sikura li l-appellanta kienet oħt l-allegata vitma Nikolett Csorba. Issa din il-grad ta' parentela kienet teżisti kemm jekk l-appellanta ġegħelitha jew ħajritha għall-prostituzzjoni kemm ukoll jekk hija traffikatha bil-għan li Nikolett Csorba tiġi sfuttata għall-prostituzzjoni. Allura jekk l-appellanta abbużat l-awtorita, jew il-fiduċja jew ir-relazzjoni familjari tagħha ma Nikolett Csorba biex ġegħelitha jew ħajritha għall-prostituzzjoni din il-Qorti ma tistax tara kif l-appellanta ma għamlitx abbuż ta' fiduċja mnissel mir-relazzjoni ta' qrubija bid-demm bejniethom ukoll meta hija traffikat lil oħtha Nikolett Csorba bil-għan li din tal-aħħar tiġi sfuttata għall-prostituzzjoni. U dan il-fuq minn dawk il-provi li tresqu b'riferenza għall-istat ta' vulnerablilita ta' l-allegati vitmi nonche ta' vjolenza – prinċipalment morali – eżerċitata fuq l-allegati vitmi.

37. Dan fil-fatt li l-Avukat Ġenerali ma kwalifikax ir-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni bl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali joħloq problema f'dan il-proċess: mhux daqstant minħabba li naqas milli jsemmi l-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu daqskemm mill-fatt li, fid-dawl tal-provi li rriżultaw matul il-kors tal-istruttorja u li kienu juru li kienu jeżistu l-estremi meħtieġa biex jiġu applikati wħud mill-kwalifiki li jżidu l-piena bi grad kif imsemmi fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali ma ġewx applikati minnu. Dan seħħ f'kuntest fejn il-kwalifika tal-abbuż ta' fiduċja (imnissla mill-grad ta' qrubija bejn l-appellanti u l-allegati

vitmi – għalkemm fi gradi differenti) kienet diġa ġiet konċessa li teżisti mill-Avukat Ġenerali stess b'riferenza għat-tieni reat imputat minnu kontra l-appellanti.

38. Jekk l-eżistenza ta' dawn il-kwalifiki ġew stabbiliti b'mod sikur mill-provi prodotti, dawn kellhom jiġu applikati mill-Avukat Ġenerali fil-kuntest kollu tal-każ fejn kienu applikabbli. L-Avukat Ġenerali ma kellux id-diskrezzjoni li jinjorahom jew jiskartahom meta jiġi biex jiddeċiedi kif u quddiem liema qorti jmexxi l-azzjoni kriminali kontra l-appellanti. Anzi dawn il-kwalifiki li kienu applikabbli kienu jiddettaw ir-regoli li fuqhom l-Avukat Ġenerali kellu jimxi biex jiddetermina liema Qorti kellha s-setgħa li tisma' u tiddeċiedi dan il-każ.

39. L-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikoli 248A u 248B tal-Kodiċi Kriminali ma jħallix alternattiva jew diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali jew lil Qorti. Fil-każ li xi wieħed jew iżjed mill-kwalifiki msemmija fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali kienu jirriżultaw mill-provi, l-Avukat Ġenerali kien marbut jieħu konjizzjoni tagħhom fl-eżerċizzju tal-komputazzjoni tal-pieni biex jistabbilixxi liema hi l-Qorti kompetenti biex quddiemha jkun jista' jipprosekwixxi l-każ. L-eżistenza tal-kwalifiki msemmija fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali ġġib magħha żieda fil-piena bi grad li trid tiġi osservata bilfors mill-Avukat Ġenerali u b'mod li ma setgħax iħallihom barra mill-komputazzjoni tal-piena tiegħu.

40. L-applikazzjoni taż-żieda fil-piena msemmija mill-Artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali ma tiddependix fuq jekk l-Avukat Ġenerali jew fuq il-Qorti tal-Maġistrati jridux iżidu l-piena jew le: mhix diskrezzjonarja. Din hija żieda li trid issir bilfors meta xi wieħed mir-reati fl-artikoli 248A sa 248D tal-Kodiċi Kriminali, it-tnejn inklużi, jirriżultaw li ġew imwetqa flimkien ma jew fil-kuntest ta' xi wieħed mill-kwalifiki msemmija f'dak l-artikolu: u dan peress li jgħid li jekk dawk il-kwalifiki msemmija mill-'a' sa' l-'h' jkunu jirriżultaw, il-piena li xort'oħra kienet tkun tgħodd **<u>għandha tiżdied bi grad.</u>**

41. In-nuqqas ta' tħaris u applikazzjoni ta' dawn il-kwalifiki fil-proċess ta' komputazzjoni tal-piena biex tiġi determinata l-ġurisdizzjoni tal-Qorti li quddiemha l-Avukat Ġenerali ried jipprosekwixxi l-każ ħalliet l-effetti tagħha f'dan il-każ. Peress li ma applikax id-disposizzjonijiet tal-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali

kif kien kien tenut jagħmel, l-Avukat Ġenerali proċeda biex xela' lill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sensi ta' dak li jiddisponi l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Issa l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

> (3) (a) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.

42. Iżda f'dan il-każ dan ma setgħax jagħmlu għaliex ġaladarba fil-komplilazzjoni ġiet pruvata l-eżistenza ta' wieħed jew iżjed mill-kwalifiki msemmija mill-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali – kif anke rrikonoxxa l-Avukat Ġenerali stess meta imputa l-kwalifika tal-abbuż tal-fiduċja (mnissla minn relazzjoni familjari) b'riferenza għall-artikolu 205 tal-Kodiċi Kriminali miġjub fit-tieni imputazzjoni – il-piena massima erogabbli f'dan il-każ kienet taqbeż il-parametri tal-kompetenza estiża tal-Qorti tal-Maġistrati spjegati fl-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

43. Meta wieħed japplika ż-żieda fil-piena bi grad imnissla mill-kwalifiki fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena massima fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kienet titla' għal iżjed minn tnax il-sena. Dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx kienet dik il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li hija bil-Liġi kompetenti sabiex tkun tista' tieħu konjizzjoni li tisma' u tiddeċiedi dan il-każ. Stante li l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati,[11] inkluż dawk ta' Ġustizzja Kriminali, hija kwistjoni t'ordni pubbliku, din il-Qorti hija mġegħlha li tqajjem din il-kwistjoni *ex officio*. Ir-raġunijiet għal dan huma dawk li ġejjin:

44. Ir-reat prinċipali li bih ġew mixlija l-appellanti taħt l-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali kien iġorr l-istess piena stabbilita fl-artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali in kwanti jgħid li:

> Kull min, b'xi wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna tal-età bil-għan li dik il-persuna tiġi sfruttata għall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografiċi jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jew

[11] Ara wkoll dwar dan il-punt l-appell ċivili **Veronique Amato Gauci et vs. Marco Zammit et** deċiż nhar id-19 ta' Mejju 2004 fejn dik il-Qorti kienet żammet mal-prinċipju li l-Qrati għandhom jillimitaw l-inizjattivi li jistgħu jieħdu minn rajhom; iżda fost dawn hemm il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni fejn jekk jirriżulta li qorti ma għandhiex kompetenza jew ġurisdizzjoni biex tisma' kawża il-Qorti tista' ex officio tqajjem din il-kwistjoni peress li hija ta' ordni pubbliku.

forom oħra ta' sfruttament sesswali jeħel, meta jinsab ħati, il-piena li hemm fl-artikolu 248A(1).

45. Il-piena stabbilita fl-artikolu 248A tal-Kodiċi Kriminali - qabel iż-żieda fil-piena introdotta bl-Att XIII tal-2018 - kienet dik ta' priġunerija li tvarja bejn erba' snin u tnax il-sena (u dan indipendentement mill-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali li ġie invokat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu bħala li jikkwalifika l-ewwel imputazzjoni).

46. Iġifieri l-piena fl-astratt kienet tvarja bejn minimum ta' erba' snin priġunerija u massimu ta' tnax il-sena priġunerija. Iżda kif intqal, l-evidenza li nġabret matul il-kumpilazzjoni tal-provi kienet turi – sa minn qabel ma l-Avukat Ġenerali għażel li jipproċedi skont l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali - li kien hemm l-estremi meħtieġa biex jiġu applikati wkoll waħda jew iżjed mill-kwalifiki msemmija fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali li, kif intqal, ma joffri ebda diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ, dawk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali li kienu applikabbli huma s-segwenti:

(2) Meta xi wieħed mir-reati fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi –

(a) isir flimkien ma' vjolenza, jew tkun irriżultat fi ħsara għas-saħħa fiżika jew psikoloġika tal-vittma fuq il-persuna; jew
...
(e) isir kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2); jew
...
(h) isir minn membru tal-familja tat-tfal, persuna li tkun qed tgħix mat-tfal jew persuna li tkun abbużat minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja jew awtorità,

il-piena li xort'oħra kienet tkun tgħodd għandha tiżdied bi grad.

47. Skont l-artikolu 370(5) tal-Kodiċi Kriminali dawk il-każijiet fejn persuna tkun akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena jibqgħu li jistgħu jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati għad illi, minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu. Fil-każ fejn ikun hemm il-konkors ta' reati u pieni, reċidiva jew ir-reat kontinwat li minkejja li l-piena massima erogabbli tkun taqbeż is-solja tat-tnax il-sena priġunerija, l-Qorti tal-Maġistrati

tibqa' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi każ li jaqa' f'dawk il-parametri dment li l-formalitajiet li trid il-Liġi jiġu mħarsa. Iżda l-kwistjoni ta' żieda fil-piena mandatorja minħabba l-eżistenza ta' kwalifika waħda jew iżjed riżultanti mill-provi kompilati mhix waħda minn dawn il-kriterja li jippreżervaw il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati msemmija f'dan l-artikolu 370(5) tal-Kodiċi Kriminali.

48. Minn dan jikkonsegwi li biż-żieda fil-piena msemmija fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba l-applikazzjoni ta' żieda bi grad fuq il-massimu ta' tnax il-sena priġunerija msemmi fl-artikolu 248A applikabbli għar-reat kontemplat fl-artikolu 248B tal-Kodiċi Kriminali kienet allura taqbeż dik is-solja massima ta' piena ta' tnax il-sena priġunerija msemmija fl-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt tkun Qorti bis-setgħa li tisma' u tiddeċiedi dan il-każ. Ġaladarba l-piena fl-astratt sa minn qabel il-ħruġ tal-att akkużatorju kif bażata fuq il-provi li kellu quddiemu l-Avukat Ġenerali kienet taqbeż dak il-massimu ta' piena li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet teroga fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, dik il-Qorti ma setgħetx tiddeċiedi dan il-każ.

49. L-Avukat Ġenerali ma setgħa qatt f'dan il-każ jirrikorri għall-proċedura stabbilita fl-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-Liġi ma tagħtihx dik is-setgħa. Interpretazzjoni differenti ta dan l-iter proċesswali u r-regoli imsemmija iżjed il-fuq kienu jistgħu jwaslu għal sitwazzjoni fejn l-Avukat Ġenerali jkun jista' jarroga fuqu s-setgħa[12] li anke jagħżel quddiem liema forum jipprosekwixxi kawża anke f'dawk il-każijiet fejn il-Liġi stess ma tippermettix li ssir tali għażla : bħal fejn il-piena għar-reat fl-astratt tkun taqbeż il-limiti msemmija fl-artikolu 370(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali, u fejn allura l-proċedura kriminali tipprovdi biss għall-ġurisdizzjoni unika lill-Qorti Kriminali.[13]

50. Dan allura jġib miegħu il-konsegwenza li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx tiddeċiedi dan il-każ għax bis-saħħa tal-Liġi stess ma kellha qatt dik is-setgħa u l-ġurisdizzjoni li tagħmel dan ġaladarba mill-provi kumpilati kienu jirriżultaw l-estremi għall-applikazzjoni tal-kwalifiki msemmija fl-artikolu 248E(2) tal-Kodiċi Kriminali.

[12] mhux biss li jagħżel il-forum f'dawk il-każijiet fejn huma applikabbli l-artikolu 370(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali (kif għandu kull dritt jagħmel dment li jiġu osservati r-regoli hemmhekk imsemmija).
[13] Agħar minn hekk jista' jkun hemm ir-riskju ta' "forum shopping" – b'mod partikolari fejn l-imputat ikun ukoll deżideruż u konsenzjenti li ma jaffrontax il-proċedura iżjed solenni quddiem il-Qorti Kriminali.

51. Minn naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali ma kellux is-setgħa diskrezjonali li jagħżel li l-proċedura tinstema' u tiġi deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati, bħal ma normalment jiġri f'diversi każijiet analogi li jaqgħu taħt l-artikolu 370(3) jew 370(4) tal-Kodiċi Kriminali. L-anqas ma kien il-każ fejn mill-provi istruwiti ma rriżultax pruvat xi aggravju jew addebitu partikolari u fejn allura l-Avukat Ġenerali setgħa jagħżel li jwaqqa' xi imputazzjoni jew addebitu jew xi aggravju oriġinarjament imputat minħabba karenza ta' provi.[14]

52. Bis-saħħa tal-awment tassattiv fil-piena bi grad, l-ewwel reat kontestat ma jibqax iżjed suġġett għall-proċedura msemmija fl-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti kompetenti biex tisma' dak il-każ hija l-Qorti Kriminali u mhux possibbli li dak il-każ jinstema' u jiġi deċiż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati anke jekk l-imputat ma jkollux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi mismugħ bil-proċedura sommarja, u dan għaliex il-Liġi ma tippermettihx. Il-Prosekuzzjoni tal-każ trid issir taħt il-ġurisdizzjoni mandatorja tal-Qorti Kriminali. L-Avukat Ġenerali ma setgħax jidderoga minn din ir-regola f'dan il-każ.

53. Is-sentenza f'dan il-każ setgħet tingħata biss mill-Qorti Kriminali u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Minħabba f'hekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ma tistax titqies valida u tajba. Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħax ikollha l-ġurisdizzjoni tisma' dan il-każ, anqas u anqas kellha s-setgħa li

[14] Fejn il-Liġi tippreskrivi hi stess żieda fil-piena fl-eventwalita li jkunu ġew pruvati b'mod ċert il-presupposti fattwali oġġettivi, tali żieda jkollha effett kemm fuq il-minimu kif ukoll fuq il-massimu tal-piena erogabbli. L-eżempji fil-Kodiċi Kriminali huma varji. Per eżempju, skont l-artikolu 274(a) tal-Kodiċi Kriminali jekk ħalliel jikkommetti s-serq flimkien ma offiża gravissima fuq il-persuna li ġġib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali huwa jirrendi ruħu suġġett għal piena li tvarja bejn erba' snin u tnax il-sena priġunerija. Jekk il-provi jkunu jwaslu s'hemm biss, allura f'dak il-każ, l-Avukat Ġenerali jkun jista' leġittimament jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u minflok joħroġ att t'akkuża, jirrikorri għall-proċedura imsemmija taħt l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu f'dan il-każ il-piena fl-astratt għal dak ir-reat ma tkunx iżjed minn tnax il-sena priġunerija; u allura l-proċedura msemmija fl-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali tkun miftuħa għalih. Iżda jekk mill-banda l-oħra mill-atti kumpilatorji l-Avukat Ġenerali jkollu evidenza ċara li l-vjolenza kommessa mill-ħalliel tkun diretta lejn persuna li tkun għalqet l-eta ta' sittin sena, allura f'dak il-każ l-Avukat Ġenerali ma jistax jaqbad u jiddeċiedi li ma japplikax id-disposizzjoni tal-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali li tippreskrivi żieda fil-piena bi grad jew żewġ gradi b'mod tassattiv. Fil-każ li l-Avukat Ġenerali jkollu quddiemu dik il-prova li l-vitma kienet persuna li tkun għalqet is-sittin sena, l-Avukat Ġenerali ma għandux għażla dwar liema proċedura huwa jrid jagħżel li jimxi magħha u jwettaq. Hija l-Liġi stess li tippreskrivilu l-parametri tal-pieni u minn hemmhekk il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-Qorti li tiddeċiedi l-każ; u jekk dawk il-parametri jkunu nqabżu minħabba li l-provi jkunu juru li fil-każ partikolari jkunu jeżistu dawk il-presupposti fattwali preskritti, l-Avukat Ġenerali ma jistax jinjorahom sempliċiment biex ikun jista' jagħżel proċedura minn oħra: bħal per eżempju jagħżel li jmexxi taħt il-proċedura l-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali minflok jipproċedi bl-att tal-akkuża. Jekk il-piena kalkolata fl-astratt taqbeż il-parametri tal-piena stabbilita mill-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali u din il-qabża fil-piena ma tkunx dovuta minħabba li r-reat ikun kontinwat, jew minħabba l-konkors tal-pieni jew minħabba r-reċidiva, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunux japplikaw u l-Avukat Ġenerali ma jistax japplika dawk il-proċeduri fejn dawk il-parametri jkunu ġew maqbuża.

tiddeċiedi u tgħaddi għas-sentenza kundannatorja tagħha. Jekk ma kellhiex is-setgħa li tisma' u tiddeċiedi dan il-każ, is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija nulla. Dak li hu null ma jista' jitqies li jipproduċi ebda effett. U din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tistax tħalli fis-seħħ sentenza kriminali kundannatorja li minn natura tagħha hija nulla minħabba li l-Qorti li tat dik is-sentenza ma kellhiex is-setgħa legali li tagħtiha.

54. Tibqa' l-mistoqsija dwar kemm din il-Qorti tista' tieħu approċ "prattiku" f'każijiet ta' din in-natura jew għandhiex tinħela fuq "teknikalitajiet" proċedurali. Li hu żgur li hemm limitu għall-prattiċita meta Qorti tqis il-valur intrinseku tal-garanziji maħsuba li jiġu mħarsa bid-dritt proċedurali penali. U l-anqas jista' jingħad li f'dan il-każ il-kwistjoni sollevata kienet sempliċi teknikalita. Anżi hi kwistjoni li tmur fil-qalb tal-proċedura penali Maltija. Din il-Qorti ma tistax titfa' fuqha l-poter li tagħti l-ħajja u l-validita legali lil sentenza li hija nulla minħabba li ġiet mogħtija minn Qorti li ma kellhiex is-setgħa legali li tagħti dik is-sentenza. Din mhix sempliċi teknikalita li tista' tiġi injorata qiesu qatt ma kien xejn.

55. L-anqas ma din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tista' tibdel dik id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bid-deċiżjoni tagħha. In kwantu din il-Qorti hija Qorti tal-Appell Kriminali hija wkoll għandha ġurisdizzjoni kriminali; iżda mhix sostitut tal-Qorti Kriminali. Ir-rwoli ta' dawn il-Qrati u s-setgħat tagħhom huma differenti. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa tiddeċiedi reati kwalifikati bħal ma huma dawk miġjuba f'dan il-każ peress li fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u mhux qorti ta' l-ewwel istanza li tiddeċiedi l-meriti ta' każijiet kriminali li huma bis-saħħa tal-Liġi ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali.

56. Din il-Qorti hija konxja wkoll mill-fatt li hemm sentenzi ta' din il-Qorti kolleġjalment komposta: fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Leonard Callus et** deċiża nhar l-4 ta' Ġunju 2002 nonche **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Muscat et** deċiża nhar it-22 ta' Jannar 2009 li jillimitaw l-isfera tal-azzjoni tal-Avukat Ġenerali ladarba huwa jkun ħareġ att t'akkuża jew nota ta' rinviju għall-ġudizzju f'każ partikolari. Kif intqal, hija ferma konvinżjoni ta' din il-Qorti li f'dan il-każ, hija l-Qorti Kriminali li kellha u għandha s-setgħa tiddeċiedi fuq il-meritu tiegħu, anke jekk, minħabba l-ġurisprudenza imsemmija iżjed il-fuq, issa nħolqot sitwazzjoni fejn il-parametri tal-piena xorta waħda ma jistgħux issa jiġu aggravati. Din il-Qorti ma

tistax biex tkun “prattika” tieħu t-triq il-qasira li taf li ma tkunx tirrispetta dawk l-istess liġijiet proċedurali li huma intiżi li, meta mħadma sewwa minn kull min jipprattika f'dan il-kamp tad-Dritt, jissalvagwardjaw id-drittijiet : kemm jekk tkun il-persuna imputata - kemm jekk tkun il-vitma ta' reat kriminali – u kemm jekk tkun persuna li tifforma parti minn din is-soċjeta li, bi dritt, teħtieġ u teżiġi l-protezzjoni tal-Liġi.

## DECIDE

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tannulla u tħassar is-sentenza appellata filwaqt li tibgħat lura l-atti proċesswali lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex il-proċess jissokta quddiem il-Qorti kompetenti skont il-Liġi u l-ġurisprudenza applikabbli.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**